MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2013

Avviz Numru. 175/2012

**Transmec Services Limited (C6952)**

**vs**

**Emanuel Galea Id No 54372(M) u martu**
**Carmen Galea Id No 413067(M)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar is-16 ta' Mejju 2012 fejn is-socjeta' attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenuti ihallasuha s-somma ta' hames t' elef, seba' mija u sebgha u ghoxrin Euro u tlettax-il centezmu (€5,727.13) rapprezentanti hadid mibjugh u kkonsenjat lill-intimati fuq istruzzjonijiet taghhom u a beneficcju taghhom.

Bl-ispejjez tal-prezenti kif ukoll l-ittra ufficjali tat-28 ta' Gunju 2011 u il-Mandat ta' sekwestru ipprezentat kontestwalment u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimati li huma ingunti in subizzjoni .

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal-kawza u l-Avviz propjru gew imwahhla fl-Ghassa tal-Pulizija ta' San Gwann, w il-Kunsill Lokali ta' San Gwann u fil-post tal-konvenuti gewwa San Gwann, fit-13 ta' Novembru 2012, u dan skond ir-riferti posittivi tal-Marixxal John Francica datati 13 ta' Novembru 2012 (fol 21 tergo).

Rat illi l-konvenut gie wkoll notifikat b'avviz li deher fil-Gazzetta tal-Gvern nhar is-27 ta' Novembru 2012 (fol. 20).

Rat illi l-konvenut Emanuel Galea gie eventwalment notifikat personalment fid-19 ta' Frar 2012 (fol 23 tergo), filwaqt illi Carmen Galea giet notifikata fit-8 ta' Mejju 2013 (fol 31).

Illi fis-seduta tat-3 ta' Gunju 2013 is-socjeta' attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenuti (fol 33).

Rat illi fis-seduta tal-10 ta' Gunju 2013 il-konvenuti gew imsejjha izda ma dehrux, la biex jikkontestaw t-talba attrici u lanqas biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici tghid li d-debitu ghadu dovut issib li t-talba tal-istess socjeta' attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames t'elef, seba' mija u sebgha u ghoxrin Euro u tlettax-il centezmu (€5,727.13), kif ahjar deskritt fl-avviz.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------